MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF VICTOR J. CARUANA COLOMBO

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2001

It-Tribunal,

Ra r-rikors tar-rikorrent Dottor Cefai li jghid hekk:

"Jesponi bir-rispett:-

Illi l-esponent ressaq ilment quddiem dan l-Onorabbli Tribunal permezz ta' rikors sabiex tigi investigata ingustizzja kommessa mill-intimata fil-konfront tar-rikorrent, u dan ai termini ta' l-Att numru VIII ta' l-1997.

Illi bazikament, l-ilment kien hemm okkazzjonijiet fejn meta l-esponent talab lill-Awtorita' intimata tohroglu permessi ghal bini, din dewmitu zmien twil qabel iddecidiet fuq tali applikazzjonijiet, liema zmien kien itwal minn dak li l-Awtorita' hadet fil-konfront ta' applikazzjonijiet simili ta' terzi. Dan id-dewmien tant irreka hsara lill-

esponent li l-esponent beda jaqta’ qalbu jissottometti applikazzjonijiet ohra. ghalhekk huwa talab kumpens ghall-hsara li sofra b’din l-ingustizzja, u ghamel tliet talbiet ohra li jirrigwardaw l-imgieba ta’ l-Awtorita’ fil-konfront ta’ applikazzjonijiet futuri ta’ l-esponent.

Illi r-rikorrent intavola numru rikorsi ohra quddiem dan l-Onorabbli Tribunal u jista’ jaghti l-kaz li fit-trattazzjoni ta’ dawn il-kawzi saret konfuzjoni bejn il-pozizzjoni legali ta’ rikors partikolari mal-pozizzjoni legali ta’ rikors iehor jew ohra.

Illi l-Awtorita’ intimata, fir-risposta taghha tikkummenta fuq kull wahda mill-erba’ talbiet tar-rikorrent permezz ta’ paragrafi specifici, izda mkien ma gie eccepit li dan l-Onorabbli Tribunal ma kellux dritt jiddeciedi fuq it-talbiet ta’ l-esponent minhabba inkompetenza *ratione materiae.* Jidher li ghar-rigward tat-talba ghal kumpens, l-oggezzjoni ta’ l-intimata hi li r-rikors promotorju ma specifia ebda lment soffert mill-esponent.

Illi f’seduta tal-11 ta’ Jannar 2000, waqt li kienu qed jigu trattati numru ta’ rikorsi tar-rikorrent esponent, Dottor Paul Micallef ghall-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar u Dottor Peter Borg Costanzi ghall-Gvern f’kawzi ohra (ghax fir-rikors odjern il-Gvern ma kienx involut) qajmu l-eccezzjoni tan-nuqqas ta’ gurisdizzjoni. **Dak il-punt ma tqajjimx b’referenza ghal din il-kawza ghax fil-fatt mhix wahda mill-eccezzjonijiet f’dan ir-rikors, izda jidher li bi zvista dak li ntqal dwar din l-eccezzjoni ddahhal fil-verbal ta’ din il-kawza wkoll.**

Illi minkejja li l-Gvern ma kien bl-ebda mod involut f’din il-kawza, fis-17 ta’ Jannar 2000 (fol 9 tal-process) l-Onorevoli Prim Ministru u l-Ministru ta’ l-Ambjent intavolaw Nota fejn irtiraw dak li ntqal minnhom (mhux f’din il-kawza) fis-seduta tal-11 ta’ Jannar 1999.

Illi b’Nota tad-19 ta’ Jannar 2000 l-Awtorita ta’ l-Ippjanar (fol 10) iddikjarat li mhix tinsisti fuq eccezzjoni tan-nuqqas ta’ gurisdizzjoni, u ghalhekk jekk xi wiehed mill-paragrafi tar-Risposta ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar seta’ jigi

interpretat li kien qed iqajjem eccezzjoni ta' inkompetenza, il-kwistjoni ta' kompetenza ma kenitx aktar eccezzjoni li kellha tigi deciza minn dan l-Onorabbli Tribunal.

Illi fis-seduta sussegwenti tat-30 ta' Mejju 2000 meta kienu qed jigu trattati diversi rikorsi f'daqqa, l-Awtorita' ta' l-Ippjanar insistiet fuq l-eccezzjoni li qajmet f'rikorsi ohra fis-sens li r-rikorrent ma specifikax ghal liema permess kien qed jirreferi fir-rikors promotorju tieghu u dwar dan it-Tribunal stieden lill-partijiet jissottomettu noti sabiex il-kawza tmur ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni preliminari;

Illi l-Awtorita ta' l-Ippjanar intavolat numru ta' noti identici relatati man-numru ta' rikorsi rispettivi ta' l-esponent odjern, u fin-nota tar-rikors odjern inghad li kienet qed tigi trattata l-"**eccezzjoni preliminari li r-rikors bin-numru 1032/97 li dan ir-rikors hu null u invalidu billi hu wiehed generiku u ma jaghmel riferenza ghall-ebda applikazzjoni ghal hrug ta' permess partikolari,"** meta fil-fatt f'dan ir-rikors qatt ma kien hemm eccezzjoni espressa ta' nullita' u invalidita'. Madankollu huwa minnu li fir-risposta l-intimata qajmet il-punt li l-ilment tar-rikorrent hu wiehed generali u tallega li r-rikorrent ma specifika ebda ilment li gara. Naturlament l-esponent fin-nota responsiva tieghu irrisponda fuq dan il-punt ta' ligi.

Illi dan l-Onorabbli Tribunal ghadda ghad-decizjoni u b'sentenza tal-31 ta' Jannar 2001 dan it-Tribunal iddecieda li '**Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimati li l-ilment jesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal *ratione materiae.* Jillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez kontra r-rikorrent.'** Illi l-esponent hassu aggravat b'din is-sentenza ghaliex huwa car u manifest li din id-decizzjoni giet ibbazata fuq applikazzjoni ta' ligi li ma kenitx applikabbli, liema zball jaghti lok ghal **ritrattazzjoni a bazi ta' artikolu 811 subinciz (e) tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili (Kap 12) li jawtorizza ritrattazzjoni f'kaz li s-sentenza li minnha tintalab ritrattazzjoni tkun applikat il-ligi hazin.** Dwar dan issir referenza ghall-kawza ta' ritrattazzjoni deciza minn dan l-Onorabbli Tribunal fit-30

ta' Mejju 2000 fl-ismijiet Austin Borg vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati (Rikors numru 1259/2000).
Illi l-applikazzjoni hazina tal-ligi avverat ruhha fi tliet istanzi fis-sentenza li minnha hawn qed tintalab ritrattazzjoni.

**A.** Illi fl-ewwel lok, dan l-Onorabbli Tribunal ghadda biex jiddeciedi fuq il-gurisdizzjoni o meno ta' dan it-Tribunal, meta s-sentenza kellha tinghata biss fuq punt preliminari li tqajjem f'kawzi ohra, u cioe' li l-esponent ma indikax permess partikolari fir-rikors tieghu. Dwar dan il-punt l-intimata Awtorita' ta' l-Ippjanar fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha u mhux fir-risposta originali taghha, li dak in-nuqqas kellu jirrendi r-rikors promotorju kollu kemm hu null u invalidu. Jekk qatt seta' kien hemm xi eccezzjoni tal-gurisdizzjoni, din **giet irtirata mill-intimati kollha u dwar dan ma seta' qatt ikun hemm ekwivocita' minhabba n-noti prezentati mill-istess intimati f'dan is-sens.** Mela d-decizzjoni kellha tkun biss dwar jekk il-fatt li l-esponent ma identifikax permess partikolari li jikkostitwix nullita' assoluta tal-procedura. **Jekk it-Tribunal deherlu li minkejja r-rinunzji espressa ghall-eccezzjoni ta' inkompetenza huwa xorta kellu jiddeciedi fuq dan *ex officio,* dan zgur li qatt ma seta' sar fis-sentenza tal-31 ta' Jannar 2001** li, bhal ma juru l-verbali u n-noti tal-kawza, din is-sentenza kellha tkun biss dwar il-konsegwenza tal-fatt li l-esponent ma indikax permessi partikolari. Ghalhekk fl-ewwel lok dan l-Onorabbli Tribunal fis-sentenza tieghu applika l-ligi relatata mal-kompetenza meta fil-fatt *se mai* huwa kellu jiddeciedi jekk kienx hemm kwistjoni ta' invalidita' u nullita'.

**B.** Illi, fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-kompetenza ta' dan it-Tribunal jigi sottomess li din hija radikata fuq artikolu 6 subinciz (1)(d)ta' l-Att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, li jghid li

It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha

ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin-
(d) licenzji jew permessi mehtiega bil-ligi;

Illi r-rekwiziti stabbiliti li jiddeterminaw jekk ilment jaqax taht il-kappa ta' l-Att in kwistjoni huma erbgha u cioe (1) tigi kwalifikata l-ingustizzja fis-sens ta' hijiex kwistjoni ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita, u f'dan il-kaz gie stabbilit li kien hemm distinzjoni, (2) li jinghad dwar xiex, u f'dan il-kaz gie stabbilit li qed nitkellmu fuq nuqqas ta' hrug ta' permessi, (3) li dan l-ilment ikun kopert bil-gurisdizzjoni kif kwalifikata ta' artikolu 6 imsemmi, u f'dan il-kaz hemm is-subinciz (1)(d) li propju jitkellem fuq licenzji jew permessi mehtiega bil-ligi, u (4) li l-ilment jirrigwarda ingustizzja li saret bejn Mejju 1987 u Mejju 1995, u dwar dan m'hemmx kontestazzjoni.

Illi l-ilment tar-rikorrent hu li l-Awtorita' intimata kienet tircievi applikazzjonijiet ghal permessi minn ghand l-esponent, u din kienet thalli zmien twil esagerat qabel tibda takkordahom, u dan meta paragonat ma applikazzjonijiet simili maghmula minn terzi. Dan id-dewmien kien qed jikkawza hsara lill-esponent, tant li sussegwentament l-esponent beda jaqta' qalbu jissottometti applikazzjonijiet ohra.

Illi dan l-agir ta' l-Awtorita' intimata jikkostitwixxi distinzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, b'xi azzjoni mehuda dwar permessi mehtiega bil-ligi. Ghalhekk dan l-atteggjament ingust jaqa' perfettament fil-limiti ta' kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal kif definit b'artikolu 6 subinciz (1)(d) ta' Att VIII ta' l-1997.

Illi fil-paragrafu penultimu tas-sentenza, dan l-Onorabbli Tribunal jghid li 'Wiehed jista' jkompli jara li t-talba tar-rikorrent ma tinkwadrax ruhha fil-ligi anke mit-talba stess". Issa t-talbiet fir-rikors odjern kienu erbgha, u biex wiehed jara jekk dawn it-talbiet jinkwadrawx ruhhom fil-ligi ikun irid jezaminahom fil-kuntest ta' Artikolu 7 subinciz (9) ta' Att VIII ta' l-1997, li fost affarijiet ohra jipprefiggi li:-

“(c) Meta t-Tribunal jaqta’ li lment ikun gustifikat kollu kemm hu jew f’parti minnu, dan ghandu jirrikmanda, bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tal-paragrafu (d) ta’ dan is-subartikolu, li jinghata rimedju kompensattiv, b’gharfien tal-ligijiet, regolamenti u dispozizzjonijiet ta’ l-*Estacode* li jkunu fis-sehh fid-data tar-rakkomandazzjoni
(d) Meta skond dawk il-ligijiet, regolamenti jew dispozizzjonijiet ta’ l- *Estacode* ma jkunx possibli li t-Tribunal jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jista’ jirrikmanda li jsir hlas ta’ kumpens li f’ebda kaz m’ghandu jeccedi l-ammont ta’ hamest elef lira Maltija.”

Illi anke jekk *dato ma non concesso* nghidu li l-ewwel tliet talbiet tar-rikorrent fir-rikors odjern ma jinkwadrax taht din id-dispozizzjoni tal-ligi, l-ahhar talba ghal kumpens li ma jeccedix il-hamest elef lira Maltija zgur li tinkwadra perfettament fil-ligi hawn citata. Dan ifisser li *se mai*, l-ewwel kellu jinstema’ l-ilment tar-rikorrent fil-meritu tieghu, u gialadarba jinstab li kien gustifikat, it-Tribunal jghaddi biex jiddeciedi dwar it-talbiet tar-rikorrent. Naturalment it-Tribunal ikollu kull poter jirrifjuta li jilqa’ xi talba partikolari, izda bl-ebda mod ma jista’ jinghad li ebda wahda mit-talbiet ma tinkwadra fir-rimedji kontemplati mill-ligi u hawn fuq citati. Kien ikun biss f’sitwazzjoni fejn it-Tribunal ma jista’ jakkolji ebda talba li allura wiehed ikollu jirriverti ghall-ezami tal-kwistjoni ta’ inkompetenza *rationae materiae*, izda fil-kaz odjern dik is-sitwazzjoni ma tapplikax.

**Illi kif gia’ inghad kemm il-darba, jekk qatt kien hemm xi eccezzjoni li setghet tigi interpretata li tirrigwarda kompetenza, din tigi irtirata f’dan ir-rikors,** ghax fi kwalunkwe kaz kien qed jirrizulta li kull parti fil-kawza li *ratione materiae* dan l-Onorabbli Tribunal kellu l-kompetenza jiddeciedi fuq l-ilment tar-rikorrent.

**C.** Illi fit-tielet lok u bla ebda pregudizzju ghal dak kollu gia’ sottomess, ghal kull buon fini jinghad li anke kieku dan l-Onorabbli Tribunal iddecieda li ma jkomplix jiehu konjizzjoni ta’ din il-kawza u illibera lill-intimati mill-oservanza tal-gudizzju a bazi ta’ dak li qal it-Tribunal fil-paragrafu penultimu tas-sentenza, u cioe’ li “....**it-talba**

**tar-rikorrent ma tinkwadrax ruhha fil-ligi anke mit-talba stess. ... It-talba tar-rikorrent huma vagi b'mod li lanqas huma specifikati l-applikazzjonijiet li ghamel ir-rikorrent. Certament ilment ta' din in-natura mhux ta' kompetenza tat-Tribunal,"** tali decizzjoni drastika ma kenitx tohrog minn inkompetenza *ratioe materiae* izda minn nullita' tar-rikors. Issa anke kieku dan kien kaz ta' nullita', li ma kienx, it-terminazzjoni tal-procedura kollha tikkostitwixxi zewg applikazzjonijiet hziena tal-ligi.

(i) L-ewwel applikazzjoni hazina tohrog mill-fatt li dan it-Tribunal iddecieda billi laqa' eccezzjoni li qatt ma saret, meta qal li "**Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimati li l-ilment jesorbita' mill-kompetenza tat-Tribunal."**

(ii) It-tieni applikazzjoni hazina tirrizulta mill-fatt li r-rikors seta' jkun null kieku l-fatt li l-esponent ma semmiex applikazzjoni partikolari kien jirrendi r-rikors kompletament null ai termini ta' l-artikolu 789 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Wiehed forsi jkollu jezamina jekk tali 'nuqqas' jaqax taht subinciz (1)(d) li jghid '**jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita' essenzjali espressament mehtiega mil-ligi.**' Wiehed ghalhekk ikollu jezamina jekk dak li qed jissejjah 'nuqqas' jiksirx xi diposizzjoni ta' artikolu 7 ta' l-Att VIII ta' l-1997 imsemmi li jghid li:-

**(1) L-Ilmenti quddiem it-Tribunal jitressqu permezz ta' rikors sostanzjalment fl-ghamla stabbilita fit-tieni skeda li tinsab ma' dan l-Att.**

**(2) Ir-rikors ghandu jkun fih dikjarazzjoni dwar il-fatti li fuqhom ikun imsejjes u ghandu jkun imsieheb b'elenku tax-xhieda.......**

Illi t-tieni skeda abbinata ma dan l-artikolu 7 tispecifika kif ghandu jsir ir-rikors u titlob li l-fatti tal-kaz jinghataw fil-qosor. Imkien ma jissemma li f'kaz ta' permessi ghandu jinghata dettall ta' l-applikazzjoni li tkun saret: in-nullita' hija mizura estrema u ma tistax tinghata b'mod laxk. Il-principju fondamentali mhaddan minn hafna sistemi legali inkluza taghna hu li sakemm ikun possibli l-atti ghandhom jigu salvati, u dwar dan wiehed jista' ma jispicca qatt jikkwota gurisprudenza ta' diversi Qrati Maltin.

Illi hawnhekk qed tintalab ritrattazzjoni ghaliex dan l-Onorabbli Tribunal m'applikax id-dispozizzjonijiet tal-ligi li kienu applikabbli ghall-kaz odjern:-

L-ewwel u qabel kollox kellu jigi applikat il-principju li sa fejn hu possibli, l-atti tal-Qorti jigu salvati, u ghalhekk dan it-Tribunal kellu jara jekk l-atti prezentati setghux jigu salvati u f'kaz li jezisti rimedju dan kellu jigi applikat; dan principalment johrog mill-provizo ta' l-Artikolu 789 subinciz (1) li jghid li "**l-eccezzjoni tan-nullita' kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c) u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi**";

U fit-tieni lok it-Tribunal kellu ghad-dispozizzjoni tieghu kull rimedju li tipprovdi l-ligi tal-procedura bl-applikazzjoni ta' artikolu 15 ta' dan l-att li jghid li "Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att, id-dispozizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li ghandhom x'jaqsmu mal-prattika u l-procedura quddiem il-Qorti Civili ghandhom ikunu japlikaw *mutatis mutandis* ghal kull prattika u procedura quddiem it-Tribunal," u ghalhekk setgha jirrikorri ghall-artikolu 175 ta' Kap 12 fejn bl-applikazzjoni tieghu dan it-Tribunal kellu l-fakulta' li jordna li "jissewwa kull zball iehor billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm is-sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza."

Illi ghalhekk, jekk dan it-Tribunal deherlu li r-rikors promotorju kien vag wisq, l-applikazzjoni korretta tas-sucitati dispozizzjonijiet tal-ligi kienet tkun li r-rikorrent jigi ordnat jaghmel nota spjegattiva li fiha jiddahhlu dawk il-hwejjeg ta' fatt li dan it-Tribunal joghgbu jitlob min ghand ir-rikorrent.

Ghaldaqstant filwaqt li jaghmel referenza ghall-atti kollha tar-rikors 1031/97, l-esponent jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jannulla d-decizjoni moghtija minn dan l-istess Tribunal fil-31 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet

premessi u a tenur ta' artikolu 820 ta' Kap 12 jghaddi biex jitratta l-kaz fuq il-meritu."

Ra r-risposta ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li tghid hekk:-

"Tesponi bir-rispett:

Illi fl-ewwel lok ma tezisti ebda procedura ta' ritrattazzjoni kif gie deciz minn dan it-Tribunal presjedut mill-Onor. Imhallef Filletti fit-28 ta' Jannar, 2000;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante li r-ritrattazzjoni qed issir a bazi ta' l-artikolu 811 (e) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istess ritrattazzjoni hi nvalida stante li din qed issir minn interpretazzjoni tal-ligi saret mill-istess Qorti;

Illi del resto dwar it-tlett aggravji tar-ritrattant, dwar l-ewwel innumerat A, mkien fid-decizjoni ma l-Qorti ddecediet l-kwistjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni (li l-anqas biss ma nghatat mill-Awtorita' intimata) IZDA biss fuq il-kaz li ma gietx specifikata ghal liema lment l-istess rikorrent kien qed jitlob rimedju ghalih;

Ghar-rigward l-aggravju B, dan ma jinkwadrax fl-applikazzjoni hazina tal-ligi - li qed jigi argumentat hu biss kontra l-interpretazzjoni tad-decizjoni tat-Tribunal, li ddecidiet li l-istess rikorrent ma kienx qed jispecifika l-ingustizzja li sofra u fejn sofrieha. Iktar u iktar meta wiehed jikkonstata li fuq l-artijiet kollha li l-istess rikorrent kellu rifjut tal-ex- PAPB, fetah kawzi quddiem l-istess Tribunal;

Ghar-rigward l-aggravju C, l-anqas biss ma hi applikazzjoni hazina tal-ligi stante li t-Tribunal ikkonkluda li r-rikors kif sar ma jispecifikax l-ilmenti u tfisser ghaldaqstant li t-Tribunal ma hiex kompetenti tiddeciedi xi haga fl-estratt;

Wiehed jara fil-fatt il-vessatorjeta' tar-rikors promotorju meta mqabbel ma' tnejn ohra decizzjonijiet li gew decizi fuq l-istess eccezzjoni bejn l-istess partijiet (u li wiehed

issa saritlu ukoll ritrattazzjoni) u cjoe' rikorsi 1031/97 (ritrattazzjoni 1263/01 VCC) u 1099/97 ilkoll tal-31 ta' Jannar, 2001, li fihom qed jintalbu l-istess rimedji u l-istess aggravji generali;

Ghaldaqstant l-istess intimat waqt li taghmel referenza ghall-provi kollha sottomessi u ghal dawk il-provi l-ohra ammissibbli skond il-ligi, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez taz-zewg istanti kontra r-ritrattant rikorrent."

Ra l-atti l-ohrajn komprizi dawk tar-rikors fuq imsemmi numru 1032/97 FS fl-istess ismijiet premessi deciz minn dan it-Tribunal fil-31 ta' Jannar 2001.

Trattat ir-rikors fil-meritu tieghu, jikkonsidra illi:-

1. L-Awtorita' intimata teccepixxi fl-ewwel lok li ma tezisti ebda procedura ta' ritrattazzjoni fil-kaz prezenti. Kwantu ghal din l-eccezzjoni jigi ripetut is-segwenti, li ga ntqal f'decizjoni precedenti ta' dan it-Tribunal fuq eccezzjoni simili. L-Att VIII ta' l-1997 ma jiddispondi xejn espressament dwar l-istitut tar-ritrattazzjoni. L-artikolu 15 tieghu, pero' jghid: "Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att, id-dispozizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet) li ghandhom x'jaqsmu mal-prattika u procedura quddiem il-Qorti Civili ghandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* ghal kull prattika u procedura quddiem it-Tribunal". Ir-ritrattazzjoni quddiem il-Qorti Civili hija kontemplata fl-artikoli 811 sa 825 tal-Kodici fuq imsemmi. Ebda wiehed minn dawn l-artikoli ma jikkontradici jew jippregudika b'xi mod xi dizpozizzjoni ta' l-Att imsemmi. Imkien il-ligi ma teskludi r-ritrattazzjoni tal-kawzi quddiem dan it-Tribunal. Ghalhekk ir-ritrattazzjoni hija bil-ligi ammessa. (ara Konjugi Mallia vs l-Awtorita tal-Ippjanar (1261/01VCC) deciza 31 ta' Lulju 2001).

2. Fil-meritu, ir-rikorrent qieghed jitlob ir-ritrattazzjoni tar-rikors tieghu originali fuq il-motiv li d-decizjoni tat-Tribunal fuq dak ir-rikors applikat il-ligi hazin, kif kontemplat fl-artikolu 811 (e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet.

F’dik id-decizjoni t-Tribunal ikkonkluda billi laqa’ “l-eccezzjoni ta’ l-intimati li l-ilment jesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal *ratione materiae,*” u llibera lill-Awtorita’ intimata mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Ir-rikorrent jallega li l-applikazzjoni hazina tal-ligi avverat ruhha fi tliet istanzi f’dik id-decizjoni. Ighid (fil-paragrafu A tar-rikors) li l-ewwel nett it-tribunal ghadda biex jiddecidi fuq il-gurisdizzjoni o meno tieghu meta d-decizjoni kellha tinghata biss fuq punt preliminari li tqajjem f’kawzi ohra, u cioe’ fuq il-punt li r-rikorrent “ma ndikax permess partikolari fir-rikors tieghu.”

4. Fir-rigward tal-premess, minn ezami ta’ l-atti jirrizulta li fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors originali (1032/97) l-Awtorita’ intimata ssollevat eccezzjoni rigwardanti l-gurisdizzjoni tat-Tribunal. In segwitu din l-eccezzjoni l-Awtorita’ rtirata, u nsistiet fuq l-eccezzjoni “indikata fir-4 paragrafu u cioe’ li r-rikorrent ma specifikax ghal liema permess qed jirreferi.” Fl-istess verbal gie registrat li r-rikors gie differit ghad-decizjoni “dwar l-eccezzjoni ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar.”

5. Ir-rikorrent ighid li “jekk it-Tribunal deherlu li minkejja r-rinunzja espressa ghall-eccezzjoni ta’ inkompetenza (ossia gurisdizzjoni) huwa xorta kellu jiddecidi fuq dan *ex officio*, dan zgur li qatt ma sata’ sar fis-sentenza tal-31 ta’ Jannar 2001, li bhal ma juru l-verbali u n-noti tal-kawza, din is-sentenza kellha tkun biss dwar il-konsewgwenza tal-fatt li l-esponent ma indikax permessi partikolari. Ghalhekk fl-ewwel lok dan l-Onorabbli Tribunal fis-sentenza tieghu applika l-ligi relatata mal-kompetenza meta fil-fatt *se mai* huwa kellu jiddecidi jekk kienx hemm kwistjoni ta’ invalidita’ jew nullita’.”

6. Minn dan jidher li l-ilment tar-rikorrent jikkonsisti filli bid-decizjoni attakkata t-Tribunal iddecieda dwar eccezzjoni rigwardanti l-kompetenza, liema eccezzjoni kienet giet ritirata, meta kien messu ddecieda l-eccezzjoni l-ohra. Fid-decizjoni prezenti t-Tribunal mhux se jara jekk bid-decizzjoni precedenti gietx deciza eccezzjoni minflok ohra, kif qed isostni li gara r-rikorrent, ghaliex ezercizzju

bhal dan ikun inutli. Di fatti kieku gara kif qieghed ighid ir-rikorrent, ma kienx ikun kaz ta' applikazzjoni zbaljata tal-ligi, izda kien kjarament ikun kaz li d-decizjoni kienet tkun l-effett ta' zball kif kontemplat fl-inciz (l) ta' l-artikolu 811. Dan il-motiv ta' ritrattazzjoni mhuwiex avanzat fir-rikors odjern.

7. Ir-rikorrent fit-tieni lok (paragrafu B tar-rikors) sostanzjalment ighid li kuntrarjament ghal kif deciz fid-decizjoni impunjata, it-Tribunal kellu, mhux ma kellux, kompetenza jiddecidi fuq l-ilment tar-rikorrent. Dan sata kien motiv ta' appell (li mhux ammess mil-ligi mid-decizjonijiet tat-Tribunal) izda mhux wiehed mill-motivi li ghalih il-ligi tammetti r-ritrattazzjoni.

8. Ir-rikorrent jissottometti wkoll, fil-paragrafu C, li fid-decizjoni attakkata t-Tribunal laqa' eccezzjoni li ma kienitx giet sollevata. Minn ezami ta' l-atti jidher li gara propju dan. Di fatti f'dik id-decizjoni jinghad li "din id-decizjoni hi dwar l-eccezzjoni sollevata mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar ghax ir-rikorrent ma specifikax ghal liema permess qieghed jirreferi." Din l-eccezzjoni ma gietx sollevata fil-proceduri in ezami, izda talvolta fi proceduri ohra. Dan pero' ma jammontax ghal applikazzjoni hazina tal-ligi imma talvolta ghal zball kif kontemplat fl-inciz (l) ta' l-artikolu 811 tal-Kap 12. Din id-dispozizzjoni tal-ligi ma gietx invokata mir-rikorrent.

9. F'dan ir-rigward jigi notat li l-artikolu 816 Kap 12 jiddisponi li fir-rikors ghar-ritrattazzjoni ir-rikorrent ghandu jsemmi r-ragunijiet ghar-ritrattazzjoni fil-kliem li huma migjuba fl-artikolu 811, u ghandu jsemmi d-dispozizzjonijiet ta' dak l-artikolu li jghoddu ghal dawk ir-ragunijiet. Ghalhekk la darba r-rikorrent fil-prezenti rikors ma semmiex l-inciz (l) ta' l-artikolu 811, u l-anqas il-motiv kontemplat fih, it-Tribunal huwa prekluz milli jikkonsidra l-meritu ta' dak il-motiv. Dan jqieghed jinghad fir-rigward ukoll ta' dak li ntqal fil-paragrafu 6 hawn fuq.

10. Ir-rikorrent jissottometti wkoll, fil-paragrafu C, li fid-decizjoni precedenti saret applikazzjoni zbaljata tal-ligi billi jekk ir-rikors originali kien null minhabba li fih ma

ssemmewx dettalji kif mehtieg, it-Tribunal kien messu applika l-artikolu 789 jew 175 tal-Kap 12 b'mod li jsalva l-validita' tar-rikors. Ir-rikorrent hawn qieghed jipprezenta ipotesi, ghaliex fil-fatt bl-ewwel decizjoni ir-rikors ma giex dikjarat null.

Ghal dawn il-motivi:

(a) Jichad l-eccezzjoni li ma tezistix il-procedura tar-ritrattazzjoni fil-kaz prezenti, bl-ispejjez relattivi ghall-intimata Awtorita' ta' l-Ippjanar.

(b) Jichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez, hlief dawk fuq decizi, kontra tieghu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------